

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Mejju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte di Appello di Bari) – l-Italja – Leonmobili Srl, Gennaro Leone vs Homag Holzbearbeitungssysteme GmbH et

(Kawża C-353/15)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 1346/2000 — Artikolu 3(1) u (2) — Proċedura ta' insolvenza — Ġurisdizzjoni internazzjonali — Ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur — Trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija fi Stat Membru ieħor — Assenza ta' stabbiliment fl-Istat Membru ta' oriġni — Preżunzjoni li ċ-ċentru tal-interessi prinċipali huwa l-lok tal-uffiċċju rreġistrat ġdid — Prova kuntrarja)

(2016/C 326/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte di Appello di Bari

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Leonmobili Srl, Gennaro Leone

Konvenuti: Homag Holzbearbeitungssysteme GmbH, Curatela del Fallimento Leonmobili Srl, ICO Srl, Arturo Salice SpA, Grafiche Ricciarelli di Ricciarelli Bernardino, Deutsche Bank SpA, Fida Srl, Elica SpA

Dispożittiv

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanza fejn l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija tkun ġiet ttrasferita minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor, il-qorti, li tiġi adita, sussegwentement għat-trasferiment, b'talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza fl-Istat Membru ta' oriġini ma tistax tirribatti l-preżunzjoni li ċ-ċentru tal-interessi prinċipali ta' din il-kumpannija jinsab fil-post tal-uffiċċju rreġistrat il-ġdid u tikkunsidra li ċ-ċentru ta' dawn l-interessi jibqa', fid-data li fis-ħa tiġi adita, f'dan l-Istat Membru tal-oriġini, minkejja li din il-kumpannija ma kellhiex iktar stabbiliment hemmhekk, madankollu, huwa biss f'każ li jirriżulta minn provi oħra oġġettivi u verifikabbli minn terzi, li ċ-ċentru effettiv tal-amministrazzjoni u l-kontroll tal-imsemmija kumpannija kif ukoll il-ġestjoni tal-interessi tagħha jibqa' ftali Stat f'din id-data.

⁽¹⁾ ĠU C 302, 14.09.2015.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-21 ta' Ġunju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Naczelnego Sądu Administracyjnego – il-Polonia) – Dyrektor Izby Skarbowej w Krakowie vs ESET sp. z o.o. Oddział w Polsce

(Kawża C-393/15)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Tassazzjoni — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 168 — Artikolu 169(a) — Kumpannija stabbilata fi Stat Membru fejn twettaq tranżazzjonijiet taxxabbli — Fergħa rreġistrata fi Stat Membru ieħor għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud — Twettiq okkażjonali ta' tranżazzjonijiet taxxabbli f'dan l-Istat — Attività prinċipali li tikkonsisti fit-twettiq ta' tranżazzjonijiet interni għall-benefiċċju tal-imsemmija kumpanija — Taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa input minn din il-fergħa — Tnaqqis fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni)

(2016/C 326/06)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelnego Sądu Administracyjnego